IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 52-2018(30_05_18)**

**30 ta' Mejju 2018**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sa Sonja Abela - Viċi Sindku
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier
Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Rose Attard - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-laqgħa tmexxiet mill-Viċi Sindku, is-Sa Sonja Abela.

**52.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

52.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji għaliex kulħadd kien preżenti.

**52.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

52.2.1 Il-Kunsill għadda għall-Minuti tal-laqgħa preċidenti numru 51-2018(25_04_18) li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk, wara dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mill-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**52.3 Ħatra ta' Sindku u Viċi Sindku**

52.3.1 Il-post ta' Sindku huwa battal u għaldaqstant il-Kunsill għadda sabiex jaħtar Sindku u Viċi Sindku. Għall-ħatra ta' Sindku, is-Sinjura Juliet Rose Attard ipproponiet lis-Sa Sonja Abela u s-Sur Damien Spiteri ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.
Is-Sa Sonja Abela ntalbet tikkonferma jekk taċċettax il-kariga ta' Sindku. Hija aċċettat u ffirmat l-aċċettazzjoni tal-kariga bħala Sindku.

Għall-ħatra ta' Viċi Sindku, is-Sa Sonja Abela pproponiet lis-Sinjura Juliet Rose Attard u s-Sur Paul Curmi ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.
Is-Sinjura Juliet Rose Attard intalbet tikkonferma jekk taċċettax il-kariga ta' Viċi Sindku. Hija aċċettat u ffirmat l-aċċettazzjoni tal-kariga bħala Viċi Sindku.

Preżenti fil-laqgħa kien hemm Dr Renata Farrugia, Kummissarju għall-Ġustizzja. Is-Sa Sonja Abela u s-Sinjura Juliet Rose Attard ħadu l-ġurament rispettiv u dawn ġew ikkonfermati minn Dr Renata Farrugia.

**52.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

52.4.1 Fir-rapport tagħha, is-Sindku infurmat lill-Kunsill li kienet saret laqgħa mal-Avukat Dr Ian Stafrace dwar l-applikazzjoni tad-demmiela proposta fil-Munxar. Hija infurmat ukoll li kienet saret laqgħa mal-Onor. Chris Agius, Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u s-Suq tal-Proprjetà. Kienu saru żewġ laqgħat ukoll mal-perit u Wirt Għawdex dwar ix-xogħol li jinvolvi l-proġett tar-restawr tat-Torri tax-Xlendi filwaqt li s-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa wkoll f'Malta dwar il-fondi li ser jibbenefika minnhom il-Kunsill għal dan il-proġett.

Hija infurmat ukoll li peress li din is-sena l-Munxar Falcons FC rebħu l-kampjonat tal-*football* kienet inxtrat plakka kommemorattiva sabiex tiġi ppreżentata lilhom.

Is-Sindku rrapportat li kienet saret l-attività 'Festa Familja' mtella' mill-Kunsill fl-okkażjoni tal-Gozo Alive. Din saret is-Sibt, 19 ta' Mejju 2018. Dakinhar kif ukoll l-għada kienet infetħet għall-pubbliku l-Mitħna Sotterranja t'Emerġenza fix-Xlendi u l-attendenza kienet tajba ħafna. Kien sar *banner* sabiex jitwaħħal quddiem id-daħla tal-Mitħna.

Is-Sindku elenkat lista ta' xogħlijiet li kienu saru fil-lokalità. Din il-lista tinkludi x-xogħol ta' żebgħa tas-sinjali ta' mal-art fix-Xlendi filwaqt li xi tabelli fil-Munxar u anke fix-Xlendi kienu tbiddlu. Beda x-xogħol ta' żebgħa tar-*railings* u tal-ħadid fix-Xlendi u li issa dan ix-xogħol wasal fi tmiemu. Fix-Xlendi wkoll kienu twaħħlu l-bankijiet u tneħħew il-kantuni li kien hemm quddiem l-istabbiliment Ta' Karolina. Sar tindif tal-*parking* tax-Xlendi u saret manutenzjoni tal-Pjazzetta t-12 ta' Diċembru 1957 fil-Munxar. Kien sar żbir lis-siġar li jinsabu fil-Pjazza tal-Knisja u l-Palm. Tranġa d-dawl fi Trejqet il-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi u anke dak ta' Triq Ta' Rinota fil-Munxar filwaqt li fil-Munxar ukoll kien tranġa l-apparat fil-*playing area* fi Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina. Għall-okkażjoni tal-festa tal-patrun tar-raħal kienu saru xi toqob fit-toroq minħabba l-armar kif ukoll kien inħasel Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina, iz-zuntier u parti mill-Pjazza tal-Knisja bil-*jetter*.

**52.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

52.5.1 Is-Sinjura Juliet Rose Attard ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li fi Triq it-12 ta' Diċembru 1957 hemm bank li jrid jinżeba'. Għandha lment li residenta fi Triq it-12 ta' Diċembru 1957 qed taħsel bl-ilma bis-sapun u dan qed jaqa' fit-triq. Talbet ukoll li bankina fi Triq Kolaċi terġa' tinżeba' għaliex sid il-post għamel xi xogħol fil-faċċata. Il-Kunsill ħa nota ta' dawn.

52.5.2 Is-Sur Damien Spiteri reġa' fakkar lill-Kunsill dwar it-talba li għamel il-Kunsill lill-Ministeru għal Għawdex sabiex Triq Sant'Anjeże tiġi ffurmata. Huwa staqsa jekk hemmx xi informazzjoni dwar il-*Master Plan* tax-Xlendi. Is-Sindku infurmatu li hija infurmata li fis-sajf ser issir laqgħa pubblika.

52.5.3 Is-Sur Paul Curmi informa lill-Kunsill li kien irċieva lment dwar xi persuni ta' pajjiż barrani li qed ikunu viċin il-gabbana tax-Xlendi u dan fis-sigħat bikrin ta' filgħodu. Is-Sindku ser tkellem lis-Supretendent tal-Pulizija dwar dan.

52.5.4 Is-Sindku semmiet li rċeviet informazzjoni li ħafna mill-boroż suwed li jinħarġu barra mhux fil-ġranet tal-ġbir huma ta' persuni barranin. Qed jiġi kkunsidrat isirux tabelli bil-ħinijiet tal-ġbir ta' skart bil-lingwa Għarbija.

52.5.5 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li żewġ sidien ta' ristoranti fi Triq ir-Rabat talbuha li tneħħi żewġ fanali minn fuq il-bankina peress li dawn qegħdin taħt it-tinda tagħhom. Is-Sur Paul Curmi talab li jastieni u s-Sur Damien Spiteri ma jaqbilx. Is-Sinjura Juliet Rose Attard u s-Sa Sonja Abela jaqblu. Il-Kunsill ser jikteb li ma jsibx oġġezzjoni li dawn il-fanali jinqalgħu.

**52.6 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

52.6.1 Peress li għadhom kemm saru żewġ ħatriet ġodda, dak ta' Sindku u Viċi Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li s-Sa Sonja Abela tiġi maħtura Rappreżentant u s-Sinjura Juliet Rose Attard - Viċi Sindku tiġi maħtura Sostitut fil-Kumitat Reġjonali Għawdex għall-Kunsill Lokali Il-Munxar.
Ġie deċiż li tinkiteb ittra lis-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex sabiex ninfurmawh b'dan.

52.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva tliet kwotazzjonijiet għas-servizz ta' assistenza legali fir-rigward ta' PA/02406/18. Dawn kienu mingħand:
- Salibastafrace Legal
- Dr Joshua Grech
- IURIS Advocates

Ġie deċiż li l-Kunsill jagħżel lil Salibastafrace Legal għall-prezz ta' €1,062.00 VAT inkluża, minħabba li kienet l-orħos offerta.
Kien hemm qbil unanimu.

52.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva erba' kwotazzjonijiet għal xiri u installazzjoni ta' *airconditioning unit* għall-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill. Dawn kienu mingħand:
- GDA Ltd
- Econetique Ltd
- Joseph Tabone
- Solar Engineering Ltd

Il-Kunsill qabbad lill-Inġinier Mario Galea sabiex jipprepara rapport. Fuq dan ir-rapport ġie ssuġġerit li l-Kunsill għandu jagħżel l-offerta ta' GDA Ltd għall-prezz ta' €599 VAT inkluża, minħabba li din l-offerta hija l-aktar waħda ekonomika.
Kien hemm qbil unanimu.

52.6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva tliet kwotazzjonijiet sabiex jiġu organizzati l-attivitajiet fil-ġimgħa tal-Festa 2018. Dawn kienu mingħand:
- Munxar Youth Centre
- Munxar Falcons FC
- Beam Lighting

Ġie deċiż li l-Kunsill jagħżel lil Munxar Youth Centre għall-prezz ta' €4,604.00 VAT inkluża, minħabba li kienet l-orħos offerta.
Kien hemm qbil unanimu.

52.6.5 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li mit-2 ta' Lulju 2018 sal-21 ta' Settembru 2018, il-Kunsill ser jagħti opportunità ta' *job shadowing* fl-uffiċċju tal-Kunsill lill-istudenta Paula Camilleri.

**52.7 Korrispondenza, ilmenti u rapporti**

52.7.1 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru SPI/3/2018 mingħand id-Direttur (Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*), Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Skema ta' Tagħlim u Proġetti Edukattivi fil-Komunità'.

52.7.2 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru SPI/4/2018 mingħand id-Direttur (Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*), Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Monumenti f'Malta u Għawdex'.

52.7.3 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru SPI/5/2018 mingħand id-Direttur (Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*), Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Attività – *Light up the Night*'.

52.7.4 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru SPI/6/2018 mingħand id-Direttur (Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*), Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Opportunitajiet ta' Xogħol tas-Sajf għall-Istudenti - 2018'.

52.7.5 Il-Kunsill irċieva invit mingħand id-Dipartiment tal-*Customer Services*, Uffiċċju tal-Anzjani u l-Bżonnijiet Speċjali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex għall-quddiesa ta' Jum l-Omm għall-anzjani kollha t'Għawdex fit-13 ta' Mejju 2018 fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu.

52.7.6 Il-Kunsill irċieva talba u ressaqha lil Transport Malta permezz tal-*e-forms* sabiex issir *loading/unloading bay* quddiem il-Lukanda San Andrea fi Triq San Xmun, Ix-Xlendi.

52.7.7 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-LESA rigward 'Kampanja Edukattiva'. Il-Kunsilli Lokali qed jiġu mistiedna sabiex jekk huma interessati jiġi kkordinat seminar fejn ser jiġi diskuss dwar *Eco Issues* u *Traffic Management*. Dan is-seminar ser jittella' f'dawn it-tliet xhur (Mejju, Ġunju u Lulju) li ġejjin.

52.7.8 Il-Kunsill irċieva invit mingħand OK Medical għal-*launch* uffiċjali tan-'National Study on the Prevalence on Hearing Impairment Amongst Adults', fit-2 ta' Ġunju 2018 fi Pjazza San Ġużepp fl-Imsida.

52.7.9 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Regional Coordinator Gozo tal-Valletta 2018 Foundation rigward 'Valletta Pageant of the Seas – 7 ta' Ġunju 2018', fil-Port il-Kbir. Filwaqt li infurmat li din is-sena din il-fondazzjoni ser tkun qed tipprovdi trasport b'xejn lejn il-Belt Valletta u lura lil dawk il-komunitajiet fil-lokalità li jsibuha diffiċli sabiex jattendu *festivals* ta' din ix-xorta jew l-attivitajiet abbinati miegħu, bagħtet il-programm u tat aktar informazzjoni dwar din l-attività.

52.7.10 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2018/057 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-'Laqgħa Plenarja 7 ta' Lulju 2018 – Sinerġija u Uniformità bejn il-forzi tal-Ordni. Il-permessi fil-lokalitajiet. L-Obbligi u d-Drittijiet tal-Kuntratturi u l-Iżviluppaturi', fil-Lukanda Dolmen. Huwa semma s-suġġetti li ser jiġu diskussi u l-preżentazzjonijiet li ser ikun hemm. Inkluż kien hemm ukoll id-*draft* Aġenda għal din il-laqgħa kif ukoll l-Aġenda u l-Minuti tal-Laqgħa Plenarja li saret fit-30 ta' Settembru 2017.

52.7.11 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport) fejn qed iwasslu għall-attenzjoni tal-Kunsill ittra/notifika mill-Awtorità ta' Ġestjoni tal-Programm tal-Iżvilupp Rurali 2014-2020 indirizzata lill-applikanti kollha taħt il-Miżuri tal-Investiment tal-istess programm.

52.7.12 Is-Sindku bagħtet *e-mail* lill-Ministeru għal Għawdex fejn talbet li jitranġaw ħsarat fit-tarmak ta' Triq it-12 ta' Diċembru 1957. Dan it-tarmak kien tranġa mill-Kunsill qabel l-aħħar elezzjoni tal-Kunsilli Lokali. Is-Sindku ġiet infurmata mill-Ministeru għal Għawdex illi ħaddiema tiegħu kienu marru fuq il-post iżda l-bżonn huwa li din it-triq titqaxxar u li dan ix-xogħol irid isir mill-Kunsill.
Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol isir iżda s-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li peress li l-aħħar li sar *patching* fit-toroq kien f'April 2015 jista' jkun li hemm xi toroq oħra li għandhom bżonn li jsirilhom il-*patching*. Il-kuntratt il-ġdid tal-*patching* ser jiġi *awarded* dalwaqt. Hekk kif jiġi ffirmat dan il-kuntratt, is-Sindku flimkien mal-perit u l-kuntrattur jistgħu jmorru jagħmlu *site inspection* biex jiġi indikat fejn hemm bżonn isir il-*patching*.
Irid isir ukoll xogħol bit-tarmak fis-sqaq fi Triq San Pawl fejn kien hemm dak l-ilment li l-vettura qed taħbat mal-bankina u għaldaqstant il-wiċċ tat-triq irid jogħla.

52.7.13 Il-Kunsill irċieva lment mingħand resident fil-Munxar rigward il-problema tar-riħa ta' demel tal-baqar. Huwa qed jirrapporta li xi ħadd qiegħed jabbuża mis-sistema tad-drenaġġ u qiegħed jitfa' demel tal-annimali fis-sistema. Jista' jkun li r-riħa ħierġa mit-tappiera jew inkella mill-bawżer li qed iġorr dan id-demel. Huwa rrapporta wkoll li anke bawżers mill-irziezet minn Ta' Sannat qegħdin jgħaddu mill-Munxar. Huwa qed jitlob sabiex il-Kunsill jieħu l-azzjoni neċessarja biex dan l-inkonvenjent jitnaqqas.
Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li kienet għamlet rapport lill-Pulizija u lit-Taqsima tas-Sanità.

52.7.14 Il-Kunsill irċieva lment, mingħand persuna li ser jibda xogħol ta' kostruzzjoni fi Triq Ta' Rinota u triq ġdida, rigward arblu fi Triq Ta' Rinota li qed jostakola x-xogħlijiet minħabba li jista' jkun ta' periklu u jista' jiġi milqut. Għaldaqstant, qed issir talba lill-Kunsill sabiex dan l-arblu jiġi mneħħi u forsi jitpoġġa xi mkien ieħor ħalli ma jkun ta' periklu għal ħadd.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa lill-Inġinier Mario Galea fuq il-post u huwa rrapporta li l-arblu u l-*cable* qegħdin fit-triq pubblika u mhux fil-privat. L-arblu jidher li, kif inhi proposta l-faċċata tal-bini, b'ebda mod mhu ser ikun ta' tfixkil fl-aċċess għall-bini. Huwa rrapporta wkoll illi jekk il-Kunsill jiddeċiedi li dan l-arblu jitħarrek, dan irid jitmexxa għat-tarf ta' Triq Ta' Rinota inkella fl-*area* jkun hemm bżonn li tiżdied lampa oħra. Dan ifisser li l-Kunsill ser jidħol fi spejjeż li jinkludu *trenching works;* bdil ta' *cable;* u qlugħ, *boring* u twaħħil ta' arblu f'post ieħor. L-inġinier huwa lest li jipprovdi stima għal dan ix-xogħol.
Ġie deċiż li din il-lampa tibqa' hemm.

52.7.15 Il-Kunsill irċieva lment mingħand sid ta' stabbiliment tal-ikel fi Triq ir-Rabat fix-Xlendi rigward biċċiet tal-Palm li qed jaqgħu fuq il-klijenti tiegħu, minn Palma li qiegħda fil-qrib anke meta ma jkunx ħafna riħ. Huwa qed jitlob sabiex il-Kunsill jieħu l-azzjoni neċessarja qabel iweġġa' xi ħadd.
Il-Kunsill huwa tal-fehma li l-oġġett ma huwiex każ li xi ħadd iweġġa' bih u ħa nota ta' dan.

52.7.16 Il-Kunsill irċieva xi ritratti mingħand is-Sur Damien Spiteri fejn wieħed juri s-siġar li hemm fil-Pjazza tal-Knisja kif kienu qabel ma nżabru, ieħor juri dawn l-istess siġar wara li nżabru fil-11 ta' Mejju 2018 u l-aħħar wieħed juri siġar li nżabru fix-Xewkija. Huwa qal li resident li għandu proprjetà wara dawn is-siġar fil-Pjazza tal-Knisja qed jitlob li dawn is-siġar jinżabru bħal dawk fix-Xewkija li jidhru fuq ir-ritratt, jiġifieri, fiż-żabra s-siġra għandha tinżabar aktar u tiġi zokk.
Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lill-ERA sabiex dawn is-siġar jinżabru u jiġu zokk.

52.7.17 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar rigward 'Tourism Areas Exempt from Excavation and Demolition Works in Summer Months'. Ma jista' jsir l-ebda xogħol ta' dan it-tip f'postijiet turistiċi bejn il-15 ta' Ġunju 2018 u t-30 ta' Settembru 2018 u f'każ ta' illegalità għandu jsir rapport lill-Building Regulation Office.
Il-Kunsill ħa nota dwar dan.

52.7.18 Il-Kunsill irċieva lment mingħand persuna residenti fi Triq il-Biżantini, Ix-Xlendi minħabba li parti kbira mill-bankina mhix tintuża minn min ikun għaddej bil-mixi għaliex tinsab ostakolata b'affarijiet bħal *pots* kbar, partijiet mejta minn siġar u kantuni. Filwaqt li faħħar lill-kennies li jiknes din it-triq qed jitlob sabiex il-Kunsill jieħu l-azzjoni neċessarja rigward dawn ostakoli minħabba li qed jinħoloq periklu.
Il-Kunsill ħa nota dwar dan.

52.7.19 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Projects Manager, Planning & Priorities Coordination Division, Operational Programme fi ħdan il-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza fejn talab lill-Kunsill jidentifikalu attivitajiet relatati ma' pubbliċità u *press* li huma ppjanati għax-xahar ta' Lulju 2018 fir-rigward tal-proġett tat-Torri tax-Xlendi.
Il-Kunsill ħa nota dwar dan.

**52.8 Approvazzjoni tar-rapporti tal-bord ta' aġġudikazzjoni dwar sejħiet**

52.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapporti tal-bord tal-aġġudikazzjoni dwar dawn is-sejħiet:

- Tender Ref: MXR/002/2018 **–** Tender for the supply, delivery and installation of decorative luminaires to fit onto existing lamp posts, replacement of damaged lamp posts and replacement of existing wall mounted luminaires, Ix-Xlendi Gozo;
- Tender Ref: MXR/003/2018 **–** Tender for road maintenance with hot or cold asphalt and related paving works for the Il-Munxar Local Council;
- Tender Ref: MXR/004/2018 **–** Works Tender for the restoration and rennovation of an underground shelter located in Il-Munxar, Gozo;
- Quotation Ref: MXR/005/2018 **–** Quotation for the supply and maintenance of trees and seasonal plants in pots.

Minn dawn l-offerti ngħataw tnejn biss għaliex il-Kunsill ma rċieva l-ebda offerta għal Tender Ref: MXR/002/2018 u għaldaqstant din is-sejħa ser terġa' toħroġ. Tender Ref: MXR/004/2018 ma ġietx *awarded* minħabba li l-offerti li rċieva l-Kunsill ma kinux skont l-ispeċifikazzjonijiet. Ġie deċiż li Tender Ref: MXR/003/2018 tingħata lil Road Construction Co. Ltd għal-Lot Patching Works with Hot or Cold Asphalt u Quotation Ref: MXR/005/2018 tingħata lil Xerri's Landscaping Co. Ltd.
Kien hemm qbil unanimu.

**52.9 Il-Management Report for the year ended 31 December 2017**

52.9.1 Il-*Management Report* għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2017 kif ifformulat mill-awditur intbagħat lill-membri tal-Kunsill minn xi jiem qabel. Is-Segretarju Eżekuttiv ipprepara risposta u anke din intbagħtet lill-membri tal-Kunsill. Dawn ġew meħuda bħala moqrija u sar qbil li tintbagħat ir-risposta kif inhi.

**52.10 Proposta għall-permess ta' żvilupp PA2406/18**

52.10.1 Fil-laqgħa li saret bejn il-membri tal-Kunsill u l-Avukat Dr Ian Stafrace, l-Avukat Stafrace ssuġġerixxa li n-nies għandhom ikunu infurmati bl-iżviluppi fuq din il-proposta. Ġie deċiż li nibagħtu *flyer* fid-djar minflok issir laqgħa pubblika. L-avukat ser jintalab jikteb lill-awtoritajiet dwar dan il-każ.

**52.11 Fondi tal-EU għal restawr tat-Torri tax-Xlendi (ERDF.PA5.0120)**

52.11.1 Il-Kunsill Lokali Il-Munxar applika għall-fondi mill-Unjoni Ewropea taħt Call 4, Priority Axis: PA 5 Protecting our environment – investing in natural and cultural assets, għall-proġett 'Restoration and Conservation of Ix-Xlendi Tower as a Tourist Attraction' (Ref. no. ERDF.PA 5.0120). It-total tal-fondi eliġibbli għal dan il-proġett huwa ta' €355,371.47 VAT inkluża. Dan il-proġett irid jitwettaq fil-perjodu ta' bejn 1 ta' Lulju 2018 u l-31 ta' Diċembru 2020.

Il-Kunsill ser ikollu l-għajnuna ta' Wirt Għawdex fejn jidħol xogħol ta' restawr iżda l-Kunsill irid jipprovdi l-*co-financing*, *procurement* bħala *contracting authority* u l-*management* tal-proġett.

Ix-xogħol li ser jinvolvi dan il-proġett jinkludi:

- Restawr intern u estern;
- Tindif, bdil u rranġar ta' ġebel u pavimentar;
- Brix u applikazzjoni ta' *finishing* minħabba l-umdità;
- Tindif minn ħaxix ħażin;
- Formazzjoni ta' sistema ta' *drain* għall-ilma tax-xita;
- Formazzjoni ta' għatba sabiex ma jidħolx ilma;
- Tiswija tar-*reservoir* sabiex iżomm l-ilma u jintuża;
- Preservazzjoni u żamma ta' *historical fixtures* fuq il-post filwaqt li materjal ieħor jiġi maqlugħ;

- Preservazzjoni ta' *historical graffiti* u twaħħil ta' arblu;
- Tiswija tat-taraġ, installazzjoni ta' *railings* u *trap door;*
- Installazzjoni ta' *solar panels,* sistema ġdida ta' dawl u *stand-by generator*;
- Tiswija u xiri ta' aperturi;
- Ħolqien ta' *interpretation centre* mgħammar b'*information panels*, *visual aids*, *display boards/unit*, *PA system*, *projectors* u apparat relatat, WIFI u CCTV fost oħrajn. Ser jinkludi wkoll *unisex toilet;*
- *Marketing* u *publicity* permezz ta' *brochures*, *billboards*, *plaques*, u użu tas-*social* u *web media* fost oħrajn;
- Kollezzjoni u arkivjar tal-informazzjoni relatata mal-proċess tax-xogħol ta' konservazzjoni.

Waqt li jkunu għaddejjin ix-xogħlijiet il-post mhux ser ikun aċċessibbli għall-pubbliku iżda meta dan il-proġett jitlesta jkun jista' jitgawda minn kulħadd. Permezz ta' dan il-proġett ser ikunu qegħdin noffru element ieħor lill-prodott turistiku Għawdxi. Dan ser jgħin ħafna sabiex niġbdu aktar turisti li jagħżlu li jżuruna matul is-sena kollha, speċjalment fix-xhur tax-xitwa meta n-numru ta' turisti jonqos.

**52.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv**

52.12.1 L-aħħar laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi saret fid-29 ta' Mejju 2018, fil-5.30 ta' filgħaxija u saret b'żewġ membri wara li l-laqgħa ssejħet għat-tielet darba. Preżenti kien hemm is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Chairperson* u s-Sur Saviour Xiberras - Membru*.* Preżenti kien hemm ukoll is-Sa Sonja Abela - Viċi Sindku u s-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sinjura Joselle Camilleri - Membru talbet li tkun skużata minħabba li kellha *lecture* fl-Università.
Is-Sinjorina Charmaine Vella - Viċi *Chairperson* kienet assenti.

Iċ-*Chairperson* ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat dwar il-problema ta' ħmieġ fix-Xlendi, knis ta' toroq, boroż suwed, il-*Parking* ta' Pjazza l-Anfori u toroq fix-Xlendi u dan meta hemm żewġ kenniesa *full-time.* Il-Viċi Sindku infurmat lill-Kumitat li se tkellimhom hi. Rigward il-boroż, il-problema qed tinħoloq minħabba li kulħadd qed joħroġhom bla bżonn u mhux fil-ġurnata proprja tagħhom. Il-Kumitat huwa konxju li jekk issir il-*bring-in-site* xorta jibqa' l-problema li ma jintużax kif suppost. Il-Kuntrattur Green MT ser jerġa' jagħmel il-*bring-in-site* fi Pjazza l-Anfori.
Huwa informa wkoll li x-xogħol fuq il-moll tax-Xlendi ser jinbeda mill-ġimgħa d-dieħla u għad baqa' sellum li jinżlu n-nies minnu għall-baħar li għadu ma twaħħalx.
Huwa ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat ukoll li hemm bżonn li jsir xi *patching* fi Pjazza l-Anfori mill-kuntrattur tal-Korporazzjoni Enemalta u dwar l-ilment li s-siġar tal-*pots* huma mejta. Il-Kumitat ġie infurmat li għal dawn is-siġar kienet inħarġet *tender* li ġiet *awarded* u dalwaqt ser jiġi ffirmat il-kuntratt. Huwa mistenni li dawn il-*pots* jitħawlu bis-siġar u fjuri għall-aħħar ta' Ġunju 2018.

Is-Sur Saviour Xiberras ilmenta li fi Triq il-Ġostra saret trinka u għadha ma saritx bil-*patching*. Huwa lmenta wkoll dwar il-moll tax-Xlendi.
Il-Viċi Sindku ser tkellem lill-Inġinier tal-Korporazzjoni Enemalta.

Il-Viċi Sindku bdiet billi semmiet is-sitwazzjoni tal-problema tad-dawl fi Trejqet il-Madonna tal-Karmnu, fejn ħabbret li l-kuntrattur kien lest mix-xogħol u d-dawl tranġa.
Il-Viċi Sindku infurmat lill-Kumitat li x-xogħol ta' żebgħa fix-Xlendi jinsab miexi sew u li jonqos li jitwaħħlu tliet bankijiet max-xtajta.

Hija infurmat ukoll li l-moll ser jitranġa u l-unika problema fix-Xlendi huma l-papri. Għaldaqstant, hija ser tipprova ssib mod ta' kif dawn il-papri jingħataw li xi ħadd.
Il-Viċi Sindku ssuġġeriet illi l-ġbir ta' skart fix-Xlendi għandu jiżdied immedjatament billi ssir ġabra tal-borża s-sewda nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħadd filgħodu. Għaldaqstant, ser titlob lill-Ministeru għal Għawdex biex il-ġabra tal-borża s-sewda filgħaxija flok issir minn Lulju sa Settembru, bħalma sar is-sena li għaddiet, tibda minn Ġunju 2018 bil-ġabra nhar ta' Tlieta u Ħadd filgħodu u mbagħad dawn jitnaqqsu minn Lulju 2018. Dan ifisser li l-ġbir propost ser ikun hekk: nhar it-Tlieta 12, 19 u 26 ta' Ġunju 2018; fil-Ħdud 10, 17, u 24 ta' Ġunju 2018 u mbagħad jibda kuljum mis-7 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 2018 filgħaxija.

L-ilmenti li jirrigwardaw Ix-Xlendi tressqu wkoll fil-laqgħa tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li bħalissa għaddej ix-xogħol fuq il-Kalendarju ta' Attivitajiet fix-Xlendi fejn qed jiġi ppreparat il-programm li ser ikun imqassam bejn Lulju u Settembru 2018. Il-Kumitat ser jingħata l-fondi skont Inizjattiva Finanzjarja – Local Government Culture Fund 2018-2020 (Ċirkulari Numru 9/2017 – It-Tieni Sejħa) ta' €4,000 u d-differenza ser tintalab lill-Ministeru għal Għawdex.

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapporti tal-bord tal-aġġudikazzjoni dwar dawk is-sejħiet li jirrigwardaw lix-Xlendi.

Is-Segretarju Eżekuttiv ta rendikont dwar il-proġett tat-Torri tax-Xlendi hekk kif tah fil-laqgħa tal-Kunsill.

**52.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-ħlasijiet**

52.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Iskeda tal-Ħlasijiet numru 52-2018(30_05_18) li tkopri l-perjodu mill-25 ta' April 2018 sat-30 ta' Mejju 2018 għall-kunsiderazzjoni u approvazzjoni. Il-Proponent kien is-Sur Paul Curmi – Kunsillier u s-Sekondat kien is-Sur Damien Spiteri – Kunsillier.
Din l-iskeda tal-ħlasijiet ġiet approvata.

**52.14 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

52.14.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 26 ta' Ġunju 2018 u fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 26 ta' Ġunju, 2018

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Sonja Abela<br>Sindku | Anthony Grech<br>Segretarju Eżekuttiv |